# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kumpilazzjoni Numru 436/06 YMS

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

Vs

Warren Magri (K.I. 583983 M)

Illum 30 ta’ Mejju 2023,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Warren Magri ta’ 22-il sena, bin Joseph u Sylvana nee’ Fiteni, imwieled Pieta’, nhar 09/10/1983, residenti Cane Flts, No. 2, Triq is-Sirena, Senglea, detentur tal-karta tal-identita’ numru 583953 M fejn kien akkuzat talli fis-26 ta’ Marzu, 2006 ghall-habta ta’ xi 8:15 pm waqt li kont ix-Xatt tal-Isla:-

1. Ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offizi ta’ natura hafifa fuq Alsten Grech, Daniela Mizzi u Amy Baldacchino, skond ma ccertifikaw Dr M Dingli MD (Reg 2904) mill-Isptar San Luqa, u Dr. R. Degabriele M.D. mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid rispettivament u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, hebbejt ghal Alsten Grech, Daniela Mizzi u Amy Baldacchino u dan sabiex tingurajhhom, iddejjaqhom jew taghmilhom hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e ) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b' xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbottajt lil imsemmija Alsten Grech, Daniela Mizzi u Amy Baldacchino u dan sabiex tweggahom jew tinsulentahom u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (1)(l) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi, ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b' mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Liema reati bhala Ufficjal Pubbliku u cioe' kuntistabbli tal-Pulizija kellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghek kellek id-dmir li timpedixxi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Alsten Grech, Daniela Mizzi u Amy Baldacchino u tapplika l-provvedimenti ta' Art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-akkuzat[1]

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta' Mejju, 2006 sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[2];

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[3]

Rat li l-Qorti kif diversament preseduta semghet ix-xhiedha prodotti mill-prosekuzzjoni u cioe' tat-Tabib Renzo Degabriele[4] li ezebixxa Dok RD 1[5] u RD 2[6] fis-seduta tad-29 ta' Marzu

---

[1] Fol. 3
[2] Fol. 10, ezebit fis-seduta tal-29 ta' Marzu 2007
[3] Fol. 11
[4] Fol. 12-13 xhieda moghtija fis-Seduta 29 ta' Marzu, 2007
[5] Dok RD 1, certifikat mediku mit-tabib Dr Renzo Degabriele mill Paola Health Centre, ta' Amy Baldacchino, datat 28.03.2006 "ugigh minhabba dbengila fuq in-naha t' isfel tad-dar" Natura tal-griehi hafifa
[6] Fol. 15, Dok RD 2, cerfikat mediku mit-tabib Dr Renzo Degabriele mill Paola Health Centre ta' Daniela Mizzi datat 09.03.2006 "Grif zghir fuq l-id ix-xellugija, fuq in-naha tax-xellug tad-dar, u taht is-sider tax-xellug. Tbengila fuq is-sieq il-lemminija taht l-irkoppa. Ugiegh fl-ghonq. Natura tal-griehi: Hafifa"

2007; ta’ Alsten Grech li ezebixxa Dok AG[7] fis-seduta tas-27 ta’ Marzu, 2007[8] u in-kontro-ezami fis-seduta tal-12 ta’ April 2016[9]; ta’ Daniela Mizzi[10] u in kontro-ezami fis-seduta tal-4 ta’ Lulju 2014[11]; ta’ Spettur Alexander Grech li ezebixxa Dok AG 1[12] u Dok AG 2[13] fis-seduta tal-5 ta’ Lulju 2007[14] u fis-seduta tal-22 ta’ Novembru 2010[15]; ta’ Charlton Gatt liema traskrizzjoni tax-xhieda ma hijiex inserita fil-process u ma gietx rintraxxata minkejja diversi tentattivi; ta’ PS 1177 Carmel Bonello li ezebixxa Dok CB[16]; fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2007[17]; rat l-affidavit ta’ Dott Jacques Diacono[18] u c-certifikat mediku minnu pprezentat; ta’ Shirley Grech fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru , 2009[19];

Rat li l-Qorti kif diversament preseduta semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza u cioe’ Ryan Paul Mercieca fis-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2016[20], ta’ Frankie Barbara fis-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2016[21]; ta’ Darren Gabriele fis-seduta tas-26 ta’ Ottubru, 2016[22]; Mark Grech fis-seduta tas-26 ta’ Ottubru, 2016[23]; l-imputat Warren Magri li pprezenta Dok WM[24]; fis-seduta tat-23 ta’ Novembru, 2016[25]/

Rat li l--Qorti kif preseduta semghet ix-xhieda ta’ Maria Dolores Fenech, Assistant Registratur tal-Qorti fis-seduta tal-20 ta’ Novembru, 2018[26] li xehedet limitatament fuq it-traskrizzjoni ta’ Charlton Gatt li ma hijiex inserita fil-process.

---

[7] Sett ta’ 9 ritratti, zewgt ritratti tal-griehi u 7 ritratti tal-post
[8] Fol. 16-17, xhieda moghtija fis-seduta tad-29 ta’ Marzu, 2007
[9] Fol. 102-119, xhieda moghtija fis-seduta tal-12 ta’ April, 2016
[10] Fol. 19-20, xhieda moghtija fis-seduta tad-29 ta’ Marzu, 2007
[11] Fol. 65-88, xhieda moghija fis-seduta tal-4 ta’ Lulju, 2014
[12]Fol. 24 Certifikat mediku datat 26.03.2006 mit-tabib Dr M Dingli St Luke’ s Hospital Casualty Department ta’ Alsten Grech “Haematoma R eye, bruising R, L eye, chest wallm both arms, no fractures on X-Ray The nature of the injuries is Slight save complications.”
[13] Fol. 25 Statement ta’ Warren Magri datat 7 ta’ April, 2006
[14] Fol. 22-23m xhieda moghtija fis-seduta tal-5 ta’ Lulju, 2007
[15] Fol. 50, xhieda moghtija fis-seduta tat-22 ta’ Novembru, 2010
[16] Fol. 30, Dok CB Rapport tal-Pulziija
[17] Fol. 28, xheida moghtija fis-seduta tat-12 ta’ Novembru, 2007
[18] Fol. 33 “Ezeminajt lil Alston Grech ID 547389 M, residenti 32, Triq il-Kunvent, Victoriosa, fit-23 ta’ Mejju 2006 fil hin 11:15, fil-kamra tal-emergenza tal-ENT Ward, Karen Grech Hospital. Il-pazjent allega li gie msawwat fis-26 ta’ Marzu 2006. Ezaminazzjoni tal-pazjent uriet li imniehru kien devjat lejn ix-xelluq. In-natura ta’ dawn il-griehi hija gravi.” Fol. 34 Certifikat mediku datat 23.05.2006
[19] Fol. 42 – 43, xhieda moghtija fit-8 ta’ Ottubru, 2009
[20] Fol. 121-134, xhieda moghtija fis-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2016
[21] Fol. 135-149, xhieda moghtija fis-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2016
[22] Fol. 151-160, xhieda moghtija fis-seduta ta’ 26 ta’ Ottubru, 2016
[23] Fol. 161-172, xhieda moghtija fis-seduta ta’ 26 ta’ Ottubru, 2016
[24] Fol. 194 – 197 Sentenza Il-Pulizija (Spettur Mario Bonello) vs Lydon Grech deciza fit-13 ta’ Novembru, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali
[25] Fol. 174-192, xhieda moghtija fis-seduta ta’ 23 ta’ Novembru, 2016
[26] Fol. 265-266, xhieda moghtija fl-20 ta’ Novembru, 2018

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2007 id-difiza ezentat il-prosekuzzjoni li ttella r-rapprenzentat tal-pulizija sabiex tikkonferma li l-imputat huwa ufficjal pubbliku;

Rat li fis-seduta tal-12 ta' Novembru, 2007 id-difiza qed tezenta ix-xhud tal-istqarrija ezebita Dok AG 1 u taccettaha bhala wahda rilaxxata volontarjament kif ukoll qed tezenta milli jixhed rapprezentant tal-Human Resources tal-Pulziija sabiex jikkonferma li l-imputat huwa ufficjal tal-pulziija;

Rat li fis-seduta tal-8 ta' Ottubru, 2009 il-Qorti f' dan l-istadju wara disa' seduti differiti provi prosekuzzjoni u in vista tal-verbal tal-23 ta' Marzu 2009 tiddikjara konkluza l-provi prosekuzzjoni;

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2016 l-Qorti a tenur tal-artikolu 374 tal-Kap. 9 tvarja l-ordni li jixhdu x-xhieda qabel l-imputat. Dr Noel Camilleri ghal parte civili joggezzjona ghal din il-proceduri stante li dan il-kaz kellu kull opportunita' l-imputat jixhed qabel ma jipproduci l-provi tieghu in difesa. Il-Qorti marbuta li taghti raguni "tajba" ghaliex ordnat li taghmel varjazzjoni xhieda billi stante li dehrliha li taghti opportunita' ohra lil-Ufficjal Prosekutur sabiex ikun f' pozizzjoni jaghmel il-kontro-ezami;

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2016 id-difiza iddikjarat li m' ghandiex aktar provi;

Rat li permezz ta' rikors tal-parte civili Alston Grech tat-12 ta' Dicembru, 2016[27], il-parte civili talbet sabiex terga tinstema x-xhieda ta' Charlton Gatt peress li ma hijiex inserita fil-process. Il-Qorti kif preseduta permezz ta' verbal tas-16 ta' Gunju, 2018 ordnat lir Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex tigi rintraccjata x-xhieda u ordnat lir-Registratur sabiex tixhed fis-seduta li jmiss dwar l-ezitu;

Rat li permezz ta' rikors tal-parte civile Alston Grech datat 28 ta' Novembru, 2016 il-parte civile talbet lil Qorti sabiex tawtorizzaha taghmel il-kontro-ezamijiet tax-xhieda mressqa mid-difiza Ryan Paul Mercieca u Frankie Barbara li telghu jixhdu nhar l-14 ta' Gunju 2016 u 26 ta' Ottubru, 2016

[27] Fol. 202

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2018 il-partijiet ezentaw lil-Qorti kif prezentement ippreseduta milli tisma' x-xhieda li diga' instemghet u tigi ezentata milli jergghu jigu pprezentati kwalsiasi atti u dokumentazzjoni ohra diga pprezentata quddiem il-Qorti diversament preseduta.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-11 ta' Jannar, 2021 fuq ir-rikors tal-parte civile Alston Grech ipprezentat fil-24 ta' Dicembru, 2019[28] u r-risposta tal-imputat datata 22 ta' Dicembru, 2020 fejn il-Qorti iddekretat billi "Rat ir-rikors; Rat ir-risposta tat-22 ta' Dicembru, 2020 li giet intavolata fuori terminu u b' hekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghha. Tichad it-talba stante li l-provi huma maghluqa".

Rat ir-rikors tal-parte civile Alsten Grech tal-11 ta' Novembru, 2021 fejn talab lil Qorti sabiex 1. Tordna li jsir l-istharrig necessarju rigward id-diskrepanza ta' kwazi hamsin (50) pagna fl-atti tal-kaz odjern u tikkonferma li l-process ikun shih: 2. Thassar id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Jannar, 2021, u tiffissa data li fiha ghandu jixhed Charlton Gatt, u dan skont l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-verbal tal-14 ta' Dicembru, 2016; 3. Tiffissa data li fihom ghandhom isiru l-kontro-ezamijiet mill-esponenti. Rat li fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2021 wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni rigward ir-rikors tal-parte civile tal-11 ta' Novembru, 2021 preminarjament ordnat li dan ir-rikors u trattazzjoni jigi notifikat lir-Registratur tal-Qrati Tribunali u Kriminali sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet opportuni. Titratta dwar ix-xhud Charton Gatt wara li ssir din l-investigazzjoni fuq il-kwistjoni tal-pagnar. Wara li rat in-nota tal-parte civile datata 7 ta' Dicembru, 2021; Wara li rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali datata 10 ta' Jannnar, 2022 li wara li ghamel id-debita ricerka irrizulta li bejn l-14 ta' Dicembru, 2016 u l-27 ta' Marzu, 2018 kien hemm tlett seduti appuntati u ipprezenta l-verbali taghhom minn fejn jirrizulta li ma kien sar xejn. Minn ricerka fil-one stop shop jirrizulta li fil-perijodu in kwistjoni kienu gew prezentati tlett rikorsi li kollha huma in atti. L-kawza giet assenjata permezz ta' digriet tal-Onorabbli Prim' Imhallef Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 u l-ewwel seduta quddiem il-Qorti kif preseduta hija dik tas-27 ta' Marzu, 2018. Wara li semghet it-trattazzjoni tal-paritjiet tal-17 ta' Frar, 2022 Dekretat permezz ta' digriet datat 12 ta' Mejju, 2022 billi "Il-Qorti tichad it-talba senjatament ghax ma ngabu ebda' prova li jbiddlu l-fehma taghha li espremiet fid-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2022."

Wara li rat li fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2022 id-difiza iddikjarat li ma ghadx ghandha provi xi tressaq;

---

[28] Fol. 271-

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha;

Il-Qorti iddifferiet il-kawza ghas-sentenza;

**Xhieda**

**Provi prodotti mill-prosekuzzjoni**

**It-Tabib Dr Renzo Degabriele[29]** xehed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu, tal-elfejn u sitta (2006) f' nofs il-lejl u erbghin minuta kien ezamina medikalment lil Daniela Mizzi fil-poliklinika ta' Rahal Gdid. Kien "irriskontajtilha xi grif hafif fuq idha x-xellugija, kellha grif iehor fuq daharha, u girfa zghira taht is-sider tax-xellug. Apparti dan, kellha tbengila wahda taht l-irkoppa tas-sieq tal-lemin." It-tabib klassifika dawn il-griehi bhala hfief.

Fl-istess cirkostanza dan ix-xhud ezamina ukoll lil Amy Baldacchino li kienet taht is-sittax il-sena, li lmentat dwar ugieh fuq in-naha t' isfel ta' daharha, li qalet li kien konsegwenza ta' daqqa li kienet irceviet. It-tabib jixhed li meta ezaminaha ma kienx hemm sinjali esterni. Ix-xhud ezebixxa c-certifikati medici li kien hareg fil-konfront ta' Amy Baldacchino[30] u Daniela Mizzi[31]

**Alston Grech**[32], il-parte civile xehed li fis-26 ta' Marzu, 2006 ghal habra ta' 7:30 pm kien gie aggredit mill-intimat Warren Magri. Xehed li dak in nhar kien mar x-xatt tal-Isla mat-tfajla tieghu Daniela Mizzi bil-mixi u li kienu dahlu go hanut biex jixorbu xi haga. Jixhed li gol-hanut kien inqala battibekk bejnu u certi Darren u Jessica li kien jafhom u gew fl-idejn fil-hanut. Kienu intervjenew xi nies u ferrquhom.

Ix-xhud jixhed "*Appena konna gejna mwaqqfa milli nkomplu niggieldu, jiena dort biex nohrog 'il barra, kien hemm tlieta minn nies li iddentifikajthom ghax kont tiga nafhom li jisimhom Mark, Frankie u Ryan, u li kunjomhom ma nafux, li mbuttawni. Hemmhekk spiccajt mal-kaxxa tas-sigaretti, dejjem gewwa l-hanut. Kif dort biex nara min kienu, nosserva lill-imputat li qieghed naghrfu prezenti in awla, li sa dak il-hin ma kontx rajtu fil-hanut u laqas ma kont naf min hu. Hemmhekk gejt aggredit mill-erbgha li huma, inkluz l-imputat. L-imputat beda jtini bil-ponn go*

[29] Xhieda moghtija fid-29 ta' Marzu, 2027, fol. 12-13 tal-process
[30] Fol. 14, Dok RD 1
[31] Fol. 15, Dok RD 2
[32] Fol. 16-17, xhieda moghtija fid-29 ta' Marzu, 2007

*wicci. Hemmhekk intervjena ragel li ma nafx min hu, u jiena hrigt 'il barra, kif mort barra jiena mort faccata. F' daqqa u l-hin gie l-imputat, qabadni minn ghonqi, u beda jtini fuq wicci bil-ponn. Naf li f' xi hin irnexxieli nizvinkola ruhi anki' minhabba l-intervent ta' xi terzi. Niftakar nipprova nimxi lejn Bormla, pero' ma wasaltx 'il boghod ghaliex l-imputat irnexxielu jilhaqni u rega' jkompli jtini. X' gara wara ma nafx ghaliex intlift minn sensija. Minn hemmhekk sibt ruhi l-isptar. L-isptar domt jumejn."* Jixhed li meta gie aggrediet wara li kien telaq jigri, jikkalkola li kien gera qisu darbtejn tul din l-awla.

Mistoqsi mill-Qorti diversament preseduta jekk kienx xorob qabel ma inqala l-argument jirrispondi li kien ha xi tlieta jew erbgha birra.

**Il-parte civile Alston Grech**[33] <u>rega xehed in kontro-ezami fis-seduta tat-12 ta' April 2016.</u> In kontro-ezami jikkonferma li qabel l-incident ma kellux idea min kien l-imputat. Mistoqsi dwar l-argument fil-bar bejnu u Daniela Mizzi minn naha u Darren u Jessica minn naha l-ohra jirrispondi li kienu gew fl-idejn u li jiddiskrivi d-daqqiet li taw lil xulxin bhala hfief. Jichad li qala xi daqqiet f' wiccu minghandhom. Skont hu l-battibekk kien beda minhabba inkejja minn naha ta' Jessika li ma halliethomx jghaddu mill-bieb u li kien hu li imbutahha.

F' dan l-argument kienu intervjenew xi nies biex jferrquhom

"Xhud: Ghax dan l-argument li nghaqad bejniethna, ahna waqafna. Jien qieghed hawn ghax Warren Magri kompla jsawwatni. Issa tista tkompli tistaqsi.

Qorti: voldieri l-imputat qed tghid illi intervjena.

Xhud: Minghajr ma nafu"[34]

Il-parte civile jixhed li kien hareg il-barra mill-bar ghaliex imbuttawh l-barra. Kien ilu xi nofsinnhar gewwa l Conquest Bar.

Fuq min kien li imbuttawh il-barra jghid li kienu certi Mark, Frankie u Ryan li kienu qed jinbuttawh biex igarawh il-barra ghax kienu hbieb ta' Darren. Dawn kienu qed joffenduh[35] u spixxa imbuttat fuq il-kaxxa tas-sigraretti li qedhda ezatt mal-bieb ta' barra. Jikkonferma li dawn it-tlett minn nies bdew jaghtu xi daqqiet u kien hemm ukoll l-imputat li sa dak il-hin kien ghadu ma jafx x' jismu.

---

[33] Fol. 102-119, xhieda in kontro-ezami moghtija fis-seduta tat-12 ta' April, 2016
[34] Fol. 105
[35] Fol. 109

Fuq id-daqqiet li qala jixhed li ghalkemm bdew jolqtuh kullimkien kien cert li ma laqtuhx go wiccu. Jixhed li l-imputat beda' jimbotta u jaghti bhalhom. [36]

Ma jafx ghalfejn l-imputat beda jaghtih. Qabel dak il-hin ma rahx ma Darren u Jessica. U l-anqas ma kellu x' jaqsam ma Mark, Frankie u Ryan.[37] Jiftakar li kien hemm persuna li giet tferraq. "Min beda jferraq, ma nafx. Ghax kien hemm hafna nies."[38] Lil imputat rah jtieh daqqiet f' wiccu ghax jiftakar.

Jikkonferma li kien tressaq il-Qorti fuq akkuza li kien sawwat lil imputat.

Hu irnexxielu jinqala ghaliex kien hemm min irnexxielu jaqla lin-nies minn madwaru. Ma jaghrafx minn ghamel hekk. Jghid li kien hemm Daniela li kienet qed taqalghu

"Avukat: Ma taghrafhomx. Inti ghedt li f' xi mument intlift minn sensik. F' liema mument intlift minn sensik u sibt ruhek imghad l-Isptar? Tiftakar il-mument meta ntlift minn sensik?

Xhud: Meta qalghuni ppruvajt nitlaq nigri lejn id-direzzjoni ta' Bormla, jigifieri biex immur lejn id-dar, il-Birgu, ma tantx stajt nigri, sewwa, ghax dak iz-zmien kont ghadni hiereg minn operazzjoni. Pero' jiena u sejjer nigri, nismaghhom jghajtu, qlajt daqqa, l-ahhar wahda nahseb, hawn, baqa' jtini u mbghad intlift minn sensija."[39]

**Daniela Mizzi[40]** xehedet li hi u l-gharus taghha Alston Grech fis-26 ta' Marzu, 2006 kienu mxew sax-xatt tal-Isla u dahlu go hanut jismu Conquest Bar. Tixhed li gol hanut inqala argument li kien jinvolvi lilha, lil Alston Grech u koppja ohra u spiccaw fl-idejn. Tixhed "*jien gejt fl-idejn mal-gharusa tal-persuna l-ohra. Hin minnhom waqjt mal-art, pero' ma waqajtx mal-art minhabba l-glieda*." Tghid li fil-bar ma gralha xejn.

*"F' dan l-istadju qieghedha tigi mistoqsija jekk naghrafx l-imputat, u nghid li naghrfu, pero' ma nafx li kien gewwa l-bar, pero' nghid li rajtu barra, anzi – nghid li kont rajtu qabel il-bar, umbaghad rajtu barra."*

---

[36] Fol. 112
[37] Fol. 113
[38] Fol. 114
[39] Fol. 118
[40] Fol. 19-20, xhieda moghtija fid-29 ta' Marzu, 2007

Tixhed li*"Meta jien hrigt minn dan il-hanut, lil Alston rajtu faccata fuq ic-cint fuq in-naha l-ohra tal-hanut bilqgheda. Kont qighedha mmur fejnu, f' daqqa u l-hin rajt xi nies, fosthom l-imputat, lill-imputat rajtu jaqbad lil Alston minn ghonqu, u itieh fuq wiccu."* Tixhed li marret taqbez ghalih u hemmhekk qalghet xi daqqiet. "*Id-daqqiet qlajthom mil-imputat li qed naghrfu prezenti in awla. Meta Alston zvinkola ruhu u gera ghad-direzzjoni ta' barra, jiena nsegwieh, l-imputat f' xi hin lahqu u beda jtieh. Jien hemmhekk ipprovajt naghmel li nista' sabiex ma nhalliex lill-imputat ikompli jaghti lil Alston, u fl-ahhar kien hemm xi nies li waqqfu kollox*."

Hi marret il-poliklinika l-ghada tal-incident. Il-feriti kienu ta' natura hafifa.

**Daniela Mizzi**[41] regghert xehedet in kontro-ezami fis-sena 2014 u tikkonferma li meta inqala l-argument bejnha, Alsten Grech u koppja ohra kienet waqghet mal-art. In kontro-ezami tghid li lil imputat ma ratux. Ma kienx Warren Magri ma kien kellhom l-argument imma ma certu Darren u Jessica. Fuq l-argument ma Darren u Jessica tixhed li l-argument beda meta kienet qed tpejjep sigarett barra l-bar u Jessica ma hallietiex tidhol. Ix-xhud u Alsten dahlu fil-bar u "*meta ahna dhalna gewwa ahna komplejna, anzi konna ser nitilqu minn hemm hekk, u giet hi, tghajjat ma wiccna, u hemm hekk inqala argument. Jien waqajt mal-art, u mbghad tipo sakemm gejt biex nohrog*."[42] Tikkonferma li kien hemm xi nies li imbuttawhom biex johorgu. F' dak l-istadju lil Magri ratu ftit. Lil imputat ratu "*naf li meta Alston tefghu, ma kaxxa tas-sigaretti jekk, niftakar sew, u kulhadd, qisu bil-genn ta' dak il-hin, kulhadd beda jghaffeg fuqu*."[43] Il-bar huwa zghir u ma jesax aktar minn 30 ruh. Meta lil Alston imbuttawh fuq il-magna tas-sigaretti kien hemm bejn erba u sitt minn nies.[44]

*"Pros: F' dan il-kaz, Magri m' ghandux x' jaqsam lanqas?*

*Xhud: Rajtu ftit ma' dik ir-rassa iva. Waqt li jiena qomt bilqgheda rajtu ftit."*[45]

Lil Warren Magri kienet tafu by sight imma ma tahsibx li qatt kellmitu.

Hi harget mil-bar wehedha, imma lil Alsten imbuttawh barra mil-bar. Kien hemm kommozzjoni ta' nies sakemm imbuttawh il-barra. Wara li hareg mil-bar, Alsten mar faccata. Hi kienet hierga l-barra mil-bar.

---

[41] Fol. 65-88, xhieda in kontro-ezami moghtija fil-4 ta' Lulju, 2014
[42] Fol. 69
[43] Fol. 70
[44] Fol. 71
[45] Fol. 72

In kontro-ezami tghid li  lil Warren Magri ratu meta kienu barra. Fil-vicinanzji tieghu kien hemm nies imxerdin.

Ma tafx taghti  raguni ghaliex kien hemm il-glieda bejn Alsten u l-imputat, "Ir-raguni kienet, tipo, tieghu ghax ghalxejn qabad itih."[46]

*"Pros:  dan hu l-punt kollu tal-kontro-ezami. Jiena qed nifhmek tajjeb li min dak li rajt inti, skont inti, fil-bicca ta' inti u dehlin fil-bar, fil-bicca ta' intom hergin mil-bar, fil-bicca ta' meta intom hrigtu mil-bar, sa qabel ic-cint, Magri, ma Alston ma kellu x' jaqsam xejn.*

*Xhud:   Milli rajt jiena, dak il-hin le."*[47]

"*Xhud: Ifhimni, jiena meta hrigt mill-bar, nista' nispjega din, jekk joghogbok? Meta jiena hrigt mil-bar, jiena rajt lil Alston bilqeghda fuq ic-cinta. Ghax ovvjament kien ghajjien, ma nafx x' kellu dak il-hin,* ***kulhadd fuqu. Li niftakar zgur****. [emfazi mizjuda].*

Omissis

Pros:   Kemm kienu nies fuqu?

Xhud:   Nista' nghidlek din halli ma tgerfixnix. Jien, meta hrigt minn gol-Conquest Bar, rajt lil Alston, bilqgheda fuq ic-cinta. Meta jiena avvicinajtu, jien rajt lil Warren, kien wara c-cinta. Alston kien bilqegheda, qabdu jigifieri minn wara u qabad itih. Jigifieri wara, tlaqna nigru, u rega gie ghalih u qabad itih.

Pros: Pero x' wassal ghal dan?

Xhud:   Ifihmni, jiena x' wassal ghal dan mhux qeghedha f' mohhu. Tista tifihmni, jiena x' rajt nista' nghid.

Omissis

Qorti:   Ma qallekx ghalfejn allura?

Xhud:   X' voldieri?

Pros:   La ma kontux tafu lil xulxin?

---

[46] Fol. 77
[47] Fol. 78

Xhud: Eventuallu wara sirt naf. Ghax meta konna fil-glieda gewwa l-bar. Warren beda' jaqbdu minn ghonqu waqt li kien, minghalijja minn ghonqu, ghax ovvjament ilu, waqt li bdew irressawh mal-kaxxa tas-sigaretti. Warren huwa habib ta' dawk li kelli li nghid maghhom qabel."[48]

Tikkonferma li kien hemm nies li pprovaw iferrqu

**L-Ispettur Alexander Grech[49] stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla,** xehed li fis-26 ta' Marzu, 2006 kien dahal rapport li kien hemm glieda fix-Xatt tal-Isla u fir-rapport kien intqal li l-imputat kien involut fil-glieda.

Jihed li l-imputat Warren Magri kien ittiehed l-isptar ukoll minhabba xi girehi li kien sofra. Ix-xhud kien kellem lil imputat xi jiem wara u rilaxxa stqarrija wara li gie moghti s-solita twissija. Warren Magri ma ammettiex li kien agredixxa xi nies anzi' skont hu kien safa vittma ghaliex kien mar biex iferraq.

Jezebixxi kopja ta' certifikat ta' Alston Grech mahrug minn Dr Dingli u stqarrija fejn jaghraf il-firem tieghu, ta' Warren Magri, ta' PC 235 Raymond Briswot.

In kontro-ezami, mistoqsi jekk hux minnu li Warrren Magri gie aggredit meta kien l-isptar jiddewwa mill-feriti li kellu, jirrispondi li hekk jirrizultalu u li l-persuna li aggrediet lil Warren Magri kien gie investigat mill-ispettur tal-Hamrun.

Spettur Alexander Grech fix-xhieda tieghu moghtija fit-22 ta' Novembru 2010[50] xehed li "*Hu biss minhabba li hemm allegat ksur ta' l-Artikolu 141 illi l-kawza ma baqghetx tinstema f' seduta tad-distrett. Mistoqsi dwar proceduri li setghu ttiehdu kontra l-kwerelanti f' dan il-kaz, jirrispondi li infurmat li hemm proceduri li huma differiti sine die jistennew l-ezitu ta' din il-kawza. L-ispettur mga ghandux certifikat ta' l-allegati griehi li sofra l-imputat m' ghandiex.*"

**PS 1177 Carmel Bonello**[51] xehed li dak innhar tal-incident Alston Grech ghamel rapport li waqt li kien fil-hanut Conquest Pub, kellu argument ma tfajla u guvni u kif hareg mill-hanut gie aggredit minn grupp ta' zaghzagh li ma setghax jidetifika min huma hlief ghal wiehed minnhom, Warren Magri. Ix-xhud kien jaf min hu peress li kien u ghadu fil-korp tal-Pulizija. Ix-xhud baghat ghal

[48] Fol. 79-81
[49] Fol. 22, xhieda moghtija fil-5 ta' Lulju, 2007
[50] Fol. 50, xhieda moghtija fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2010
[51] Fol. 28-29 xhieda moghtija fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2007

Warren Magri li qed jaghrfu fl-awla li qallu li kien waqt li kien f' dan il-bar inqala' argument, mar biex iferraq u gie hu stess akkuzat. Ix-xhud wara li ghamel l-okkorrenza informa lis-superjuri tieghu kif obbligat li jaghmel. Il-kwerelant meta gie l-ghassa kellu xi griehi fuq il-persuna tieghu u intbghat l-isptar.

**Affidavit ta' Dott Jacques Diacono**[52] fejn jixhed li ezamina lil Alston Grech fit-23 ta' Mejju, 2006 fil 11:15 fil-kamra tal-emergenza tal-ENT Ward, Karen Grech Hospital. Il-pazjent jallega li gie msawwat fis-26 ta' Marzu 2006. Ezaminazzjoni tal-pazjent uriet li imniehru kien devjat lejn ix-xellug. In-natura ta' dawn il-griehi hija gravi. Anness kopja tac-certifikat mediku datat 23.05.2006[53]

**Shirley Grech**[54], omm il-parte civile Alston Grech, xehedet li kienet irceviet telefonata minghand Daniela Mizzi, li dak iz-zmien kienet l-gharusa ta' Alsten Grech u kull ma qaltilha kien "Shirley, jigifieri ismi, Alsten u x-Xatt ta' L-Isla." Dak il-hin kienet ghand in-nannu taghha l-isla li joqghod zewgt toroq il-boghod mix-xatt u grietha ghax-xatt.

Kif waslet ix-xatt rat grupp ta' erba' zaghzagh izommu lil akkuzat li qed taghraf fl-awla. Ma rathomx jaghtu xi daqqiet. Kienu biss qed izommuh. Xi ftit distanza l-boghod kien hemm it-tifel taghha mindud fuq bank wiccu l-fuq. Rat lil akkuzat jigri fid-direzzjoni ta' fejn kien hemm hi u t-tifel taghha. Sa fra tant wasal ir-ragel taghha li imblukkalu t-triq u bdew jiggieldu. Osservat ukoll lil akkuzat jaghti b' idejh fuq ras iz-ziju [mhux parte civile]

"Waqt li konna se niehdu t-tifel il-poliklinika u allura konna qed nimxu sabiex inrikbuh il-karozza u mmorru l-emergenza l-isptar osservajt li gie l-akkuzat u ohrajn mieghu. Nikkalkula li kien hemm xi hamsa jew sitta li kienu qed jimxu warajna u hemmhekk ossevajt lil akkuzat jinza l-flokk, jitkellem pastaz u jghajjat fid-direzzjoni taghna "Tersqux lejn l-Isla!" Ahna pero' bqajna mexjin, irkibna l-karozza u fi tirqitna lejn l-isptar waqafna l-ghassa ta' Bormla".

<u>In kontro-ezami</u> tghid li meta rat l-akkuzat jigri lejn id-direzzjoni taghhom ma rat ebda' nies jigru warajh. Ma tistax tghid jekk in-nies li kienu qed izommu lil akkuzat kienux l-istess nies li rat imdawrin. Ma innotat xejn mal-art ghaliex kien mohha fit-tifel. Lil akkuzat fl-ebda' hin ma ratu jaqla xi daqqiet.  Gewwa l-isptar ma ratx lil akkuzat jaqla xi daqqiet, l-isptar semghet l-istorbju u rat lil akkuzat icarcar bid-demm ma wiccu.

[52] Fol. 33
[53] Fol. 34
[54] Fol. 42-43, xhieda moghtija fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

**Provi prodotti mid-difiza**

**Ryan Paul Mercieca**[55] xehed li jaf lil Alston Grech kif ukoll lil Warren Magri minn tfulitu. Lil imputat qed jaghrfu fl-awla. Hu qatt ma gie mitkellem fuq l-incident li sehh fis-26 ta' Marzu, 2006.

Jixhed Dak in-nhar tal-incident ghal habta ta' 6:00 pm / 7:00 pm kien qed jiekol pizza fuq ix-xtajta faccata ta' l-istabiliment fejn zvolgiet il-glieda ie Conquest Pub, Isla. Kien mat-tfajla tieghu u habiba taghha. Induna li kienet qed tisvolgi glieda gewwa l-Conquest Pub.

*"Xhud: Conquest Pub. Issa kont avvicinajtu sewwa bil-mixi. U ta' kurzitaju li kont, konna ghadna zghar, inqalghet glieda u konna necekkjaw x' gara u ma garax. Fid-daqqa u l-hin hareg Alston Grech u deher konfuz, u peress li jiena kont nafu mit-tfulija, u kelli simpatija u rispett lejh ghax jiena akbar minnu u kien tajjeb fl-arti marzjali u kont niggustah. Qisni dak il-hin tajtu parir u ghedlu li jekk jista' jkun, ma jibqax ghax kont naf x' se jigri.*

*Avukat: Issa, x' wasslek ghal din il-konkluzjoni?*

*Xhud: Ghax normalment dejjem hekk jigri. Tinqala glieda hemm isfel, ta' wiehed isiru tnejn, tlieta, erbgha u hamsa.*

*Avukat: Is-Sur Alston Grech kien wahdu jew ma xi hadd iehor fil-mument li inti rajtu?*

*Xhud: Jiena wahdu rajtu. Hiereg barra, konfuz*."[56]

Raha nies ohra johorgu warajh. Skont dan ix-xhud peress li l-parte civile, Alston Grech, mhux mill-Isla kien hemm pika.

Ix-xhud kien ha l-parir tal-gharusa tieghu u telaq l-hemm. Fuq l-involviment o meno tal-imputat jixhed

*"Avukat: Mela inti mort fuq il-promenade, bilqgheda qed jghidulek "tindahalx". Issa "tindahalx" fhiex? Ghaliex? X qed tara jigri allura?*

*Xhud: Issa minn faccata stajt nara li din il-glieda li jiena xtaqt li tigi prevented, issa qeghedha fis-sehh. Pero', pero', fl-ebda' hin jiena ma' rajt lil Warren Magri involut fiha f' din il-glieda. Lanqas jista' jkun."*[57]

[55] Fol. 121-134, xhieda moghtija fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2016
[56] Fol. 125
[57] Fol. 127

*"Xhud: Mela din il-glieda bdiet fuq ix-Xatt l-iehor fejn originarjament jiena kont ghaddej. Issa, din il-glieda jiena, immuvjajt, ghax tal-hanut qabad u kecca lil kulhadd il-barra u beda jimbotta n-nies 'l hemm. Ovvjament il-glieda mmuvvjat fuq ix-xtajta l-ohra. Kien propju dak il-hin li rajt lil Warren Magri gej minn naha tax-xelluq. Jigifieri minn Bormla lejn l Isla.*

*Avukat: Jigifieri minn Bormla lejn id-direzzjoni taghkom.*[58]

*Xhud: Minn Bormla, lejn id-direzzjoni fejn kienet qed issehh il-glieda, fejn imbghad jiena ninstab cert li rajtu jhaffef il-pass u mar iferraq. Jiena dak li rajt."*[59]

*Omissis*

*"Xhud: (omissis) Jiena rajtu jimbotta u jipprova jzomm. Issa jekk dan ir-ragel qala xi daqqa go rasu, bhal ma f' hin minnhom rajtu jaghmel,*

*Avukat: Min qala?*

*Xhud: Ghax, lil Warren, at one point rajtu mal-art. Ghalkemm ilu dan il-kaz, imma l-vizjoni hija cara ghax jiena kont bilqghedha nassisti ghal kollox."*[60]

*Ma jistax jghid minn waqqa lil Warren mal-art ghaliex kien hemm hafna nies. Jikkalkola li kien hemm aktar minn 30 ruh u karozzi tal-pulzija kienu gew xi 7 jew 8.*

*"Avukat: Lil Alston, apparti li rajtu hiereg, lilu, x' qed tarah jaghmel? Jew x' qed jigri lilu?*

*Xhud: Ha nghidlek, ma nistax nghidlek x' kien qed jaghmel ezatt. Ghax intilfu fil-genn. Min jaghti lil dak, min jaghti lil iehor. Min jaqbad lil dak. Jiena fuq Warren nista' nitkellem. Lil Warren rajtu gej mid-direzzjoni tax-xellug kif ghidt diga', dahal b' ruhu u b' gismu biex iferraq u mbghad f' hin minnhom rajtu mal-art."* [61]

Kien raha ukoll lil Mark, Frankie u Ryan (il-Bejs) pero' ma jafx x' kienu qed jaghmlu.

Jichad li huwa imbotta lil xi hadd.

**Frankie Barbara**[62] xehed li l- parte civile Alston Grech kien jafu ghalkemm ma kienux hbieb. Alston huwa mil-Birgu. Lil imputat Warren Magri jafu ghax mill Isla.

---

[58] Fol. 128
[59] Fol 129
[60] Fol. 129
[61] Fol. 131
[62] Fol. 135-149, xhieda moghtija fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2016

Fuq l-incident tas-2006 l-Pulzija kienu bghatu ghalieh l-ghada tal-incident u dan ghaliex mara li wara rrizulta li kienet il-kunjata tal-parte civile, Alston Grech, kienet ghamlitu rapport l-ghassa ghaliex skont hu kienu gew fil-kliem wara li wahlet fih li kien il-kagun tal-incident.

Fuq dak in-nhar tal-incident jixhed li kien qed jiehu drink fil-bar fejn kien hemm Alston Grech. Qabel il-glieda sellmu lil xulxin fil-bar. "Li naf, li jiena kont qed niehu drink u mbghad hin minnhom rajt balla nies ma' xulxin." Dak il-hin kien fin-naha ta' fejn hemm il-bieb ta' barra.[63]

Sid il-hanut kecca lil kulhadd il-barra, ix-xhud hareg ukoll u spicca go din il-glieda. Ma jistax jidentifika n-nies ghax kien hemm hafna nies. Spiccaw faccata tal-hanut, in-naha tal-bahar u kulhadd qabad jaghti. Jixhed li "jiena m mortx biex naghti, jiena mort biex inferraq u jiena spiccajt naqla, dak il-hin."

Fuq l-involviment tal-imputat jixhed

*"Avukat: Qlajt jigifieri? Inti lis-Sur Warren Magri, rajtu f' xi hin f' din il-glieda?*

*Xhud: Le ma rajtux.*

*Avukat: Lis-Sur Alston Grech, f' xi hin, mhux issa gewwa l-Bar, f' xi hin barra, f' din il-glieda rajtu?*

*Xhud: Dak il-hin rajtu. Kien hemm hu u xi hadd iehor u lili daruni dan il-hin.*

*Avukat: Min darek?*

*Xhud: Is-Sur Alston u ma' nafx min aktar. Naf li hu ghax dak il-hin rajtu.*

*Avukat: U ghaliex darek?*

*Xhud: Ma nafx. Dak il-hin jiena kif ghedtlek, qabel kellimtu, sellimtlu ghax kont inkellmu u mort inferraq u forsi haseb hazin li jiena mort intih u spiccajt daruni."*[64]

Lil Warren Magri ma rahx la gewwa l-hanut u l-anqas barra. Kien hemm gegwigija ta' nies.

Jiftakar li t-tfajla ta' Alston kienet hemm waqt il-glieda u mbghad wara ma jafx x' gara. Jiftakarha gewwa l-bar.

[63] Fol. 140
[64] Fol. 142-143

**Darren Gabriele**[65], xehed li fiz-zmien meta sehh l-incident kien residenti l-Isla, jaf lil imputat u l-parti civili. Lil Warren jafu ghax mill-Isla u lil Alston jaf lil Lydon, huh. Il-mara tieghu hija Jessica nee' Buckland. Lilu l-pulizija qabel illum qatt ma baghatu ghalieh jew kellmuh fuq dan l-incident.

Fuq dak innhar tal-incident jixhed li kien il-Conquest Bar u Jessica u t-tfajla ta' Alston li kellhom dak iz-zmien xi 16 il-sena kellhom xi jghidu. Jixhed *"Alston imbuttaha minn wiccha, hekk, u mbghad jien mbuttajt lil Alston minn wiccu u dahlu l-kugini tieghi mal-ewwel*."[66] Dan gara fil-Conquest Bar in-naha ta' gewwa. Il-glieda tghaqdet u hargu l-barra kien hemm gegwigija shiha.

*Jixhed "Lil Alston imbuttajtu hekk minn wiccu u kif imbuttajtu hekk, qisni dan, gew mill-ewwel il-*kugini tieghu."[67]. il-glieda kompliet quddiem il-bieb tal-Conquest Bar. Meta kienu fuq barra involvew aktar nies ghaliex kif xehed dan ix-xhud kienet saret glieda qisa tal-Isla kontra ta' Bormla u kien hemm xi erbghin nies imbghad. Fil-kommozzjoni lil Alston ma rahx aktar ghax ma tkunx taf ma min qed tiggieled fil-kommozzjoni kollha. Ix-xhud kien sofra zewgt daqqiet, xi sewg gundalliet. Ma kienx ha kura ghaliehom.

Lil imputat ma rahx *"Jien gewwa u lanqas barra ma rajtu. Litteralment ma rajtux."*[68]

Il-glieda spiccat ghaliex bdiet tikkalma, bdew jonqsu n-nies. Minn hemm il-quddiem hadd ma kellmu fuq dan l-incident.

**Mark Grech**[69], ukoll jaf kemm lil imputat u lill-parte civile. Fuq dan l-incident il-pulzija ma baghtux ghalieh.

Fuq dak innhar tal-incident jixhed li huwa kien barra l-bieb tal-Conquest Bar jiehu xi birra, qamet konfuzjoni fil-bar u lilu tajrulu l-birra li kien qed jixrob u spicca mal-art. Kien hemm konfuzjoni kbira u ammont ta' nies involuti.[70] Dak il-hin hu kien wahdu, lil Frankie u Ryan jafhom imma dak il-hin ma rahomx. Fuq l-involviment tal-imputat jixhed li i lil Warren fl-incident ma rahx. Imma xi siegha qabel kien rah jippassigga fit-triq fix-xatt ta' l-Isla.[71] Fil-bar ma rahx. Lil Warren kien rah qabel ma dahal fil-bar.

[65] Fol. 151- 160, xhieda moghtija fis-26 ta' Ottubru, 2016
[66] Fol. 154
[67] Fol. 156
[68] Fol. 158
[69] Fol. 161–172, xhieda moghtija fis-seduta tal-26 ta' Ottubru, 2016
[70] Fol. 114
[71] Fol. 168

Fil-glieda huwa taha u qala daqqiet imma griehi ma kellux. Kif spiccat il-glieda warrab u ma jafx x' gara aktar. Raha folla ta' nies xi erbghin (40) persuna quddiem il-Conquest Bar jaghtu. Lanqas lil Alston Grech, il-parte civile, ma raha.

**L-Imputat Warren Magri**[72] jixhed li dakkinhar tal-incident kien behsiebu jmur jiehu drink il-Conquest Bar. Waqt li kien sejjer l-hemm ircieva telefonata u kien qed jitkellem fin-naha tax-xatt faccata tal-hanut Conquest Pub. Kien wahdu. Fuq id-dinamika tal-incident jixhed

*"F' daqqa wahda bdejt nara li nqghalghet gegwigija kbira ta' nies. U folla kbira ta' nies harget minn gol-hanut, ghajjat, storbju u glied u qisu kien hemm massa minnhom li baqghet tiggieled fuq in-naha tal-bankina tal-Conquest Pub u naha ohra minnhom li giet fuq in-naha ta' fejn hemm din il-bankina fejn il-bahar."*[73] *Fejn kien qieghed hu.*

*Lil Alston Grech ma kienx jafu qabel imma jitfatkru ghaliex dakkinhar kien liebes qmis blu partikolari. Kien jispikka, kien jihder.*

*"Dak il-hin, jien rajtu qieghed mal-art, qed jigi aggredit. Awtomatikament qisni hassejt istint li ppruvajt nidhol biex naqilghu, biex nghinu lil dan it-tifel, avvolja lanqas biss kont nafu u qatt ma kelli relazzjoni mieghu."*[74]

"U dhalt biex nidhol ghalieh biex inferqu. Ghax hu kien qieghed aggredit minn nies. Bdew jixxutjawh u jtuh u hekk. U kif kont qieghed hemmhek biex naqbdu, gejt qisni hekk u

*Ommisis*

*Biex nghollih, biex nohorgu minn gol-folla u hu haseb li jiena kont jew ha nagredieh, jew ha ntih, jew li jiena parti minn dik il-folla li kienet qed issawtu, mentri jien fil-verita' kont qieghed hemmhekk biex nipprova naqilghu. U dak il-hin, hu aggredieni wkoll u jien spiccajt mal-art, spiccajt naqla minghand dawk in-nies kollha li kien hemm gol-folla. Irnexxieli ninqala, wara xi hames (5) minuti, ghaxra (10) mal-art, naqla go fijja, rnexxieli ninqala minn hemmhekk. U kif hrigt mil-folla, u qisni bdejt nipprova nigi lura f' sahti u nara fejn qieghed, taf inti bid-daqqiet li taqla tigi qisek, u kif irnexxieli nitla' fuq saqajja, gie missier Alston u jtini daqqa ta' flixkun fuq wicci.*"[75]

l-imputat ghamel xi jumejn l-isptar u n-nies qalulu li kien missier Alston Grech li aggredieh jumejn wara. Wara li kien qala d-daqqa nanntu u wiehed Timmy tellawh id-dar, gie skortat l-ghassa u mill-

---

[72] Fol. 174-193, xhieda moghtija fil-23 ta' Novembru, 2016
[73] Fol. 179
[74] Fol. 176
[75] Fol. 177

ghassa haduh l-Isptar San Luqa. Meta wasal l-isptar gie aggredit minn hu Alston li jigi Lydon fil-bieb tal-emergenza li tah daqqa ta' flixkun u ghamlulu hames (5) punti.

l-incident sehh fis-26 ta' Marzu, 2006 u gie mitkellem mil-pulizija fis-7 ta' April, 2006.

Dak iz-zmien kien pulizija stazzjonat l-Ecomomic Crimes. Wara dan l-incident huwa baqa' fil-korp, qatt ma gie sospendut u eventwalment jahaq Surgent. Sussegwentement kien telaq mill-Korp tal-Pulizija.

Jghid li sena u nofs ilu gie avvicinat minn Alston u persuna ohra fit-triq u qalulu li jekk itiehom € 7000 iwaqqa' l-kaz. Hu irrifjuta li jaghtihomlu.

Hemm kawzi kontra Alston u missieru li huma *sine die* jistennew l-ezitu tal-proceduri li ghaddejjin bhal issa. Hu kien ippropona u anki' fil-Qorti giet ivverbalizzata li jwaqqghu l-kawzi fil-konfront ta' xulxin. Hu qatt ma rceiva xi ittra ufficjali jew proceduri civili fil-konfront tieghu.

Mistoqsi In kontro-ezami jichad li wara dan il-kaz kien jara lil Alston Grech Paceville u kien imur jaffrontah.

Mistoqsi jekk qalax id-daqqiet minghand missier Alston u huh ghaliex kien sawwat lil parte civile jirrispondi

*"Jekk forsi dik kienet il-percezzjoni taghhom, kien hemm hafna nies qed isawtuh lil ibnu. Jiena anzi' kont dak il-wiehed illi mort inferqu, mort biex nghinu u jien spiccajt involut go glieda. U qlajt daqqiet jiena wkoll."*[76]

Ma jafx li Alston kien taht is-16 il-sena meta kien hemm l-incident.

**Maria Dolores Fenech, assistant registratur tal-Qorti**[77] ix-xhud xhedet wara ordni tal-Qorti tal-19 ta' Gunju, 2018 sabiex tinstab ix-xhieda ta' Charton Gatt moghtija fil-5 ta' Lulju, 2007 li ma tinstabx fil-process. Giet infurmata li t-tapes tas-sena 2007 kienu kollha thassru.

**Ikkunsidrat**

---

[76] Fol. 189

[77] Fol. 265-266, xhieda moghtija fl-20 ta' Novembru, 2018

Illi għas-sejbien ta' ħtija kriminali il-Qorti trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata f'eżami sħiħ u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha ta' kull xorta li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja il-ġudikant irid ikun assolutament ċert dwar il-ħtija u dan għaliex dan il-livell ta' prova mhux faċli jintlaħaq. Iċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla threshold ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[78] , ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[79].

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[80], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

---

[78] Deciza 5 ta' Dicembru, 1997

[79] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.

[80] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

**Ikkunsidrat**

Illi dwar id-dinamika ta' dak li sehh fis-26 ta' Marzu, 2006 jirrizulta mhux kontestat li Alston Grech u Daniela Mizzi kienu ilhom minn ftit wara nofsinnhar fil-Conquest Bar gewwa l-Isla. Waqt li kienu hemm hekk inqala argument bejniethom u bejn certa Jessica u Darren u dawn gew fl-idejn. Fil-glieda involvew ruhhom ukoll persuni ohra fosthom Mark, Frankie u Ryan li gew identifikati mill-parte civile fix-xhieda tieghu imma ghal xi raguni ma gewx identifikati minnu fir-rapport li ghamel lil pulziija (Dok CB (fol. 30-32). Il-persuni involuti fil-glieda gew imbuttati l-barra ghat-triq u barra il-glieda hadet dimenzjoni ohra u spiccat f' tgegwigija ta' nies jaghtu lil xulxin tant li eventwalment kellhom jintervjenu ammont sostanzjali ta' pulizija biex il-glieda tieqaf u l-maggorparti tan-nies marru ghal triqthom.

Dak li l-Qorti hija mitluba tisharreg huwa l-involviment tal-imputat fl-isfond tal-akkuzi li huwa akkuzat fuqhom.

Dawn il -proceduri li qed jigu trattati mill-Qorti bhala Kriminali bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali peress li dak iz-zmien tal-incident Warren Magri kien membru tal-korp tal-Pulizija u ghalhekk fil-kaz ta' sejbien ta' hrija hemm l-addebitu tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

Jigi sottolinjat ukoll li minkejja li fil-5 ta' Mejju, 2006 l-Avukat Generali kien taha l-kunsens tieghu sabiex il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja, din il-kawza hadet medda ta' sbatax-il sena sakemm finalment waslet ghas-sentenza. Jihder ukoll skont xhieda prodotta (mhux dokumentarja) li hemm kawza ohra ta' natura sommarja diferita' sine die li qed tistenna l-ezitu ta' din il-kawza.

Il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni dwar l-imputazzjoni huma principalment il-parte civile, omm l-parte civile li ma kienitx prezenti ghal glieda u li giet fuq is-sit wara li Daniela Mizzi cemplitilha, tobba li xehedu fuq il-griehi sofferti mill-parte civile u xhud li t-traskrizzjoni tieghu ma gietx rintraxxata.

Id-difiza minn naha taghha produciet xhieda li raw id-dinamika tal-incident u li kienu prezenti dakinnhar jew attivament involuti fil-glieda u fil-kaz ta' Ryan Paul Mercieca[81] xhud okkulari li kien qed josserva x' kien qed jigri minn barra l-bar u x-xhieda tal-istess imputat.

Qed jigi ikkunsidrat li l-unika zewgt xhieda li jorbtu lil imputat Warren Magri mal-griehi ikkagunati lil parte civile huma x-xhieda tal-partijiet civili Alston Grech u ta' Daniela Mizzi li dak iz-zmien tal-incident kienet l-gharusa tieghu. Iz-zewgt xhieda fiz-zmien tal-incident kienu ghadhom minuri.

**Dwar l-ewwel imputazzjoni, it-tieni imputazzjoni**

**L-ewwel imputazzjoni**

> *Ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offizi ta' natura hafifa fuq Alsten Grech, Daniela Mizzi u Amy Baldacchino, skond ma ccertifikaw Dr M Dingli MD (Reg 2904) mill-Isptar San Luqa, u Dr. R. Degabriele M.D. mic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid rispettivament u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> **It-tieni imputazzjoni**
> *Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, hebbejt ghal Alsten Grech, Daniela Mizzi u Amy Baldacchino u dan sabiex tingurajhhom, iddejjaqhom jew taghmilhom hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e ) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

<u>L-ewwel imputazzjoni – offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Amy Baldacchino</u>

L-imputat gie akkuzat li kkarguna giehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' certa Amy Baldacchino li minkejja notifikata biex tixhed qatt ma xehedet f' dawn il-proceduri. Apparti minn hekk jigi ukoll sottolinjat mill-Qorti li c-certifikat mediku li gie ezebit fil-konfront ta' Amy Baldacchino u li jinstab a fol. 14 tal-process jiccetfika li kien hemm ugieh minhabba dbengila fuq in-naha t' isfel tad-dahar. Hadd mix-xhieda ma taha deskrizzjoni ta' kif din il-persuna garbet din it-tbengila u ghalhekk monhabba insofficjenza ta' provi l-Qorti qed tillibera lil imputat minn kwalunkwe imputazzjoni li tirrigwarda lil Amy Baldacchino.

[81] Fol. 121-134, xhieda moghtija fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2016

Griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Daniela Mizzi

Skont ic-certifikat mediku ezebit a fol- 15 tal-process u mix-xhieda tat-tabib Renzo Degabriele jirrizulta li Daniela Mizzi kellha grif zghar fuq id ix-xellugija, fuq in-naha tax-xellug tad-dahar u taht is-sider tax-xellug. Tbejnigila fuq is-sieq il-lemminja taht l-irkoppa u ugieh fl-ghonq.

Il-Qorti tikkonstata li fix-xhieda taghha in ezami u in kontro-ezami Daniela Mizzi ma kienitx konsistenti fil-verzjoni taghha. Kienet konsistenti mal-fatt li l-ewwel glieda kienet minn argument fejn gew fl-idejn hi u Alston Grech minn naha , Jessica (li ma xehditx f' dawn il-proceduri) u Darren Gabriele (li gie prodott mid-difiza) minn naha l-ohra.

Dak li l-Qorti trid tikkonstata huwa jekk il-griehi li kellha fuq persunitha Daniela Mizzi gewx ikkagunati mill-imputat jew le. Skont ix-xhieda taghha stess l-esponenti kienet giet fl-idejn ta' Jessica u f' hin minnhom waqghet mal-art. L-ewwel darba li xehedet tghid li f' hin minnhom waqghet mal-art imma ma waqghetx minhabba din il-glieda. Tixhed ukol lli meta kienet fil-bar ma gralha xejn.

Il-Qorti qed tqis li x-xhieda ta' din ix-xhud hija inattendibbli u dan minhabba diversi inkonsistenzi kemm fix-xhieda taghha in ezami u in kontro-ezami fejn fost affarijiet ohra ma hijiex konsistenzi fost affarijiet ohra fuq fejn rat l-imputat jekk hux gewwa l-bar jew inkella barra l-bar.

Meta xehedet in kontro-ezami fis-sena 2014, tixhed kuntrarjament ghal meta xehedet fis-sena 2007, li fil-bar waqt il-glieda li kinenet qed tizvolgi lil imputat ma ratux. Fis-sena 2014 tixhed li l-imputat ratu meta kienu qed jigu imputatti biex johorgu l-barra mill-bar ghal got-triq. Anzi' tispecifika li lil Alston Grech imbuttawh imma hi qamet wehedha biex tohrog. Kien hemm kommozzjoni ta' nies sakemm imbuttawh il-barra. Wara li hareg mil-bar, Alsten mar faccata. Hi kienet hierga l-barra mil-bar. In kontro-ezami tghid li lil Warren Magri ratu meta kienu barra. Fil-vicinanzji tieghu kien hemm nies imxerdin.

"Pros: F' dan il-kaz, Magri m' ghandux x' jaqsam lanqas?

Xhud: Rajtu ftit ma' dik ir-rassa iva. Waqt li jiena qomt bilqgheda rajtu ftit."[82]

[82] Fol. 72

Ma tafx ir-raguni ghaliex kien hemm il-glieda bejn Alsten u l-imputat, "Ir-raguni kienet, tipo, tieghu ghax ghalxejn qabad itih."[83] Tixhed li lil imputat ratu l-ewwel darba meta Alston kien bilqgheda fuq ic-cint.

"Pros: dan hu l-punt kollu tal-kontro-ezami. Jiena qed nifhmek tajjeb li min dak li rajt inti, skont inti, fil-bicca ta' inti u dehlin fil-bar, fil-bicca ta' intom hergin mil-bar, fil-bicca ta' meta intom hrigtu mil-bar, sa qabel ic-cint, Magri, ma Alston ma kellu x' jaqsam xejn.

Xhud: Milli rajt jiena, dak il-hin le."[84]

"Xhud: Ifhimni, jiena meta hrigt mill-bar, nista' nispjega din, jekk joghogbok? Meta jiena hrigt mil-bar, jiena rajt lil Alston bilqeghda fuq ic-cinta. Ghax ovvjament kien ghajjien, ma nafx x' kellu dak il-hin, kulhadd fuqu. Li niftakar zgur.

Omissis

Pros: Kemm kienu nies fuqu?

Xhud: Nista' nghidlek din halli ma tgerfixnix. Jien, meta hrigt minn gol-Conquest Bar, rajt lil Alston, bilqgheda fuq ic-cinta. Meta jiena avvicinajtu, jien rajt lil Warren, kien wara c-cinta. Alston kien bilqegheda, qabdu jigifieri minn wara u qabad itih. Jigifieri wara, tlaqna nigru, u rega gie ghalih u qabad itih"

Imbghad terga' tbiddel il-verzjoni taghha u lejn l-ahhar tal-kontro-ezami u tghid li l-imputat kien qabad min ghonq lil Alston Grech meta rassewh mal-magna tas-sigraretti. ."[85]

Il-Qorti qed tqis ix-xhieda ta' Daniela Mizzi bhala inkonsistenti u mhux ta' min jorbot fuqha.

Il-Qorti qed tikkunsidra li c-certifikat mediku li jinstab a fol- 15 u li l-griehi ma jinkwadrax ruhu mad-dimamika tal-incident fejn jirrigwarda l-imputazzjonijiet ta' griehi hfief fuq persunitha allegatament mil-imputat, Warren Magri. Daniela Mizzi fl-ewwel xhieda taghha tghid li l-imputat taha daqqa meta marret tiddefendi lil imputat. Tghid ukoll li fil-bar kienet involuta fi glieda ma' mara ohra (Jessica) u li waqghet mal-art waqt il-kommozzjoni gewwa l-bar. Ebda' mill-griehi certifikati fic-certifikat mediku ma jikkombacja mad-dinamika li hija tixhed fuqu fejn jirrigwar l-akkuzi dedotti kontra l-imputat.

---

[83] Fol. 77
[84] Fol. 78
[85] Fol. 79-81

Imputazzjoni ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alston Grech

Illi din il-kawza li ilha ghaddejja mis-sena 2006 titratta fl-ewwel imputazzjoni l-akkuza li fis-26 ta' Marzu 2006 l-imputat ikkaguna griehi ta' natura hafifa fil-konfront ta' tlett persuni Alston Grech, Daniela Mizzi u Amy Baldacchino.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-inkartament li ghandha ghad-dispozizzjoni taghha u fl-ebda' stadju ma kien hemm talba sabiex l-akkuza tinbidel ghal dik ta' offiza ta' natura gravi fejn jirrigwarda l-parte civile Alston Grech jew fil-konfront tal-persuni l-ohra indikati fl-att ta' akkuza.

Il-Qorti qed tikkunsidra ukoll li l-unika certifikat mediku li jaghmel accen li l-griehi huma ta' natura gravi huwa c-cerfikat mediku mahrug minn **Dott Jacques Diacono**[86] li permezz ta' affidavitipprezentat in atti xehed li li ezamina lil Alston Grech fit-23 ta' Mejju 2006 u cioe' xahrejn wara l-incident li spruna dawn il-proceduri. It-tabib ezamina lil pazjent fil-kamra tal-emergenza tal-ENT Ward, Karen Grech Hospital u t-tabib iccertifika li minn ezaminazzjoni tal-pazjent uriet li imniehru kien devjat lejn ix-xellug. Mal-affidavit gie ukoll anness kopja tac-certifikat mediku datat 23.05.2006[87]

Mill-banda l-ohra skont certifikat mediku datat 26.03.2006 rilaxxat mit-tabib Dr M Dingli St Luke's Hospital Casualty Department li ezamina lil Alston Grech ftit wara l-incident mertu ta' din il-kawza u gie riskontrat li Alston Grech kellu "Haematoma R eye, bruising R, L eye, chest wall, both arms, no fractures on X-Ray The nature of the injuries is Slight save complications."

Inoltre, anki' r-ritratti ezebiti mill-parte civile fis-seduta tal-29 ta' Marzu, 2007 (fol. 18) ma juru ebda' daqqa fuq l-imnieher. Qed jigi osservat ukoll ulterjorment li skont ix-xhieda tal-istess Alston Grech tad-29 ta' Marzu, 2007 wara l-incident ta' 26 ta' Marzu, 2006 kien gie rikoverat l-isptar jumejn. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li kieku kien hemm griehi aktar serji minn dawk li

[86] Fol. 33
[87] Fol. 34 ta

gew certifikati meta mar l-emergenza kienu jigu certifikati meta l-parte civile kien qieghed l-isptar ghall-kura u mhux xahrejn wara.

Fix-xhieda tieghu tad-29 ta' Marzu, 2007 l-parte civile jixhed li l-ewwel darba li kien raha lil imputat kien wara li kien xi imbuttat minn terzi fuq il-kaxxa tas-sigaretti. Jixhed li sa dak il-hin ma kienx raha lil imputat fil-hanut u li beda jtih bil-ponn f' wiccu dak il-hin. X' hareg il-barra [ wara irrizulta li kien imbuttat il-barra] ma kienx konkordanti fuq id-dinamika tal-incident u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq l-imputat lahqu u kompla jaghtih. In kontro-ezami fis-seduta tal-12 ta' April, 2016 jixhed li

F' dan l-argument kienu intervjenew xi nies biex jferrquhom

"Xhud: Ghax dan l-argument li nghaqad bejniethna, ahna waqafna. Jien qieghed hawn ghax Warren Magri kompla jsawwatni. Issa tista tkompli tistaqsi.

Qorti: voldieri l-imputat qed tghid illi intervjena.

Xhud: Minghajr ma nafu"[88]

In kontro-ezami jixhed li kien imbuttat il-barra mill-bar u li kienu Mark, Frankie u Ryan kienu qed jinbuttawh biex igarawh il-barra ghax kienu hbieb ta' Darren. Dawn kienu qed joffenduh[89] u spixxa imbuttat fuq il-kaxxa tas-sigraretti li qedhda ezatt mal-bieb ta' barra. Jikkonferma li dawn it-tlett minn nies bdew jaghtu xi daqqiet u kien hemm ukoll l-imputat li sa dak il-hin kien ghadu ma jafx x' jismu. Fuq id-daqqiet li qala jixhed

"Xhud: Daqqiet. Bdew jolqtuni minn kullimkien, pero' s' issa wicci ghadni cert mija fil-mija (100%) ghadu tajjeb."

Avukat: Fejn laqtuk allura?

Xhud: F' widnejja. F' rasi, fi spalti. U aktar jimbuttaw u hekk bdew. U mbghad gejt ma' tas-sigaretti.

Avukat: Allura inti mbghad ghidt li gie l-imputat. Li l-imputat inti ma kontx tafu.

Xhud: Ma kontx nafu.

Avukat: Allura l-imputat,

---

[88] Fol. 105

[89] Fol. 109

Xhud: Beda jaghti u jimbotta bhalhom."[90]

Jixhed li qabel dak il-hin lil imputat ma kienx rah u li ma kellux x' jawsam mal-persuni li kienu involuti fil-glieda gewwa l-bar[91]. Ma kienx f' pozizzjoni li jidentifika min kien qed jferraq ghax kien hemm hafna nies.[92] Pero' jiftakar li l-imputat jaghtih daqqiet f' wiccu.

Jikkonferma li kien tressaq il-Qorti fuq akkuza li kien sawwat lil imputat.

Hu irnexxielu jinqala ghaliex kien hemm min irnexxielu jaqla lin-nies minn madwaru. Ma jaghrafx minn ghamel hekk. Jghid li kien hemm Daniela li kienet qed taqalghu. Pero' ix-xhieda ta' Daniela Mizzi ma tikkombaciex ma dak li xehed ghaliex hi xehedet li kienet mal-art, qamet wehedha u lil Alston Grech ratu jigi imbuttat il-barra u li lahqitu meta Alston mar bilqgheda fuq ic-cint.

Ikkunsidrat

Il-prosekuzzjoni strahet il-kawza taghha fuq ix-xhieda tal-parte civile fuq dak li jirrigwarda d-dinamika tal-incident u l-persuni l-ohra li kienu involuti fil-glieda mix-xhieda taghhom stess jirrizulta li l-anqas biss gew mitkellma minnhom.

Mil-banda l-ohra x-xhieda li gew imressqa mid-difiza snin wara l-incident jikkonfermaw u jikkolaboraw il-verzjoni tal-imputat li dejjem qal li huwa mar biex jintervjeni fil-glieda. Mhux talli hekk talli mix-xhieda taghhom hareg li minn glieda go bar din spiccat fit-triq fejn kien hemm kommozzjoni u glied bejn diversi persuni li ma kellhom xejn x' jaqsmu mal-argument inizjali gewwa l-bar.

**Ryan Paul Mercieca**[93] prodott mid-difiza li kien qed josserva l-glieda minn faccata jghid li huwa fl-ebda' hin ma raha lil imputat Warren Magri involut fil-glieda. Anzi jghid li lil Warren Magri kien

[90] Fol. 112
[91] Fol. 113
[92] Fol. 114
[93] Fol. 121-134, xhieda moghtija fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2016

rah gej meta hargu barra n-nies minn naha tax-xellug."[94] Barra kien hemm kommozzjoni kbira u Jikkalkola li kien hemm aktar minn 30 ruh u karozzi tal-pulzija kienu gew xi 7 jew 8.

"Avukat: Lil Alston, apparti li rajtu hiereg, lilu, x' qed tarah jaghmel? Jew x' qed jigri lilu?

Xhud: Ha nghidlek, ma nistax nghidlek x' kien qed jaghmel ezatt. Ghax intilfu fil-genn. Min jaghti lil dak, min jaghti lil iehor. Min jaqbad lil dak. Jiena fuq Warren nista' nitkellem. Lil Warren rajtu gej mid-direzzjoni tax-xellug kif ghidt diga', dahal b' ruhu u b' gismu biex iferraq u mbghad f' hin minnhom rajtu mal-art." [95]

Kien raha ukoll lil Mark, Frankie u Ryan (il-Bejs) pero' ma jafx x' kienu qed jaghmlu.

**Frankie Barbara[96]** li kien involut fil-glieda gewwa l-bar jghid li lil Warren Magri ma kienx rah. Ghaliex kien hemm gegwixija ta' nies.

**Darren Degabriele**[97], prodott mid-difiza, xehed li dak innhar tal-incident jixhed li kien il-Conquest Bar u Jessica u t-tfajla ta' Alston li kellhom dak iz-zmien xi 16 il-sena kellhom xi jghidu. Jixhed "Alston imbuttaha minn wiccha, hekk, u mbghad jien mbuttajt lil Alston minn wiccu u dahlu l-kugini tieghi mal-ewwel."[98] Jiftakar li lil Alston Grech kien imbutah minn wiccu.[99] Jixhed li l-glieda kompliet quddiem il-bieb tal-Conquest Bar. Meta kienu fuq barra involvew aktar nies ghaliex kienet saret glieda qisa tal-Isla kontra ta' Bormla u kien hemm xi erbghin nies imbghad. Fil-kommozzjoni lil Alston ma rahx aktar ghax ma tkunx taf ma min qed tiggieled fil-kommozzjoni kollha. Ix-xhud kien sofra zewgt daqqiet, xi sewg gundalliet. Ma kienx ha kura ghaliehom.

Fuq l-imputat jghid li imputat ma rahx "Jien gewwa u lanqas barra ma rajtu. Litteralment ma rajtux."[100]

Mill-provi jirrizulta li kien hemm rassa nies involuti fil-glieda fil-bar, din il-glieda kompliet barra l-bar fejn nies ohra dahlu fir-rassa u kien hemm kommozzjoni ta' nies tant li biex titwaqaf il-glieda

---

[94] Fol 129
[95] Fol. 131
[96] Fol. 135-149, xhieda moghtija fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2016
[97] Fol. 151- 160, xhieda moghtija fis-26 ta' Ottubru 2016
[98] Fol. 154
[99] Fol. 156
[100] Fol. 158

kellhom jigu numru ta' karozzi tal-pulizija u f' nofs din il-glieda kien hemm il-parte civile minn fejn l-argument inizjali origina.

Xhieda ohra espressament jghidu li l-imputat ma kienx gewwa l-bar meta bdiet il-glieda, anki' ikkolaboraw il-verzjoni tal-imputat li baqa' konsistenti mal-verzjoni tieghu. Fuq l-akkuzi fil-konfront tal-intimat, il-Qorti qed tikkunsidra li x-xhieda tal-parte civile giet kontradetta u mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ma hijie konvinta lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa ipprovat minn kull bażat fuq ir-raġuni li l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet imressqa kontrih.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni u t-tieni imputazzjoni ma gietx ipprovata u l-Qorti sejra tghaddi biex tillbera lil imputat.

**Dwar it-tielet imputazzjoni**

*Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b' xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Illi l-Qorti sejra tillebera lil imputat minhabba insufficjenza ta' provi.

**Dwar ir-raba imputazzjoni**

*Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbottajt lil imsemmija Alsten Grech, Daniela Mizzi u Amy Baldacchino u dan sabiex tweggahom jew tinsulentahom u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (1)(l) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Illi ghar-ragunijiet li gew esposti aktar il-fuq minn din is-sentenza il-Qorti sejra tghaddi biex tillibera lil imputat minhabba insufficjenza ta' provi.

**Dwar il-hames imputazzjoni**

*Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi, ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b' mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;*

Illi ghar-ragunijiet li gew esposti aktar il-fuq minn din is-sentenza il-Qorti sejra tghaddi biex tillibera lil imputat minhabba insufficjenza ta' provi.

Illi gja la darba l-imputat qed jigi liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali[101] ma japplikax.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 221(1), 339(d) u (e ), 338 (bb), 342,339 (1)(l), 338 (dd) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lil imputat Warren Magri hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u tilliberahom minnhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**

[101] 141.Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liemahuma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minnuffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubblikuli jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew liminħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel,meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.